**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta’ April 2018 – Perfumes y Aromas Artesanales vs EUIPO – Aromas Selective (Aa AROMAS artesanales)**

**(Kawża T-426/16)** [1]

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Aa AROMAS artesanales — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Aromas PERFUMARIA Beleza em todos os sentidos — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Identiċità jew xebh tas-servizzi — Xebh bejn is-sinjali — Pubbliku rilevanti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]***

(2018/C 200/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Perfumes y Aromas Artesanales, SL (Arganda del Rey, Spanja) (rappreżentant: J. Botella Reyna, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Zaera Cuadrado u A. Schifko, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Aromas Selective, SL (Dos Hermanas, Spanja) (rappreżentanti: I. Temiño Ceniceros u J. Oria Sousa-Montes, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta’ Mejju 2016 (Każ R 766/2015-5) dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Aromas Selective u Perfumes y Aromas Artesanales.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Perfumes y Aromas Artesanales, SL, hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Aromas Selective, SL, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn din tal-aħħar quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.*

(1) ĠU C 364, 3.10.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta’ April 2017 – Verein Deutsche Sprache vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-468/16)** [1]

***[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti marbuta ma’ deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tibdil tal-apparenza tas-sala tal-istampa tal-bini Berlaymont konnessa mal-limitazzjoni sabiex jintwerew biss il-lingwa Franċiża u Ingliża — Rifjut parzjali ta’ aċċess — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ineżistenza ta’ dokumenti — Preżunzjoni ta’ legalità — Żball ta’ liġi — Obbligu ta’ motivazzjoni”]***

(2018/C 200/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Verein Deutsche Sprache eV (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Ehrhardt, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3714 finali, tal-10 ta’ Ġunju 2016, dwar talba għal aċċess, imressqa mir-rikorrenti, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), għal ċerti dokumenti marbuta ma’ deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tibdil tal-apparenza tas-sala tal-istampa tal-bini Berlaymont konnessa mal-limitazzjoni sabiex jintwerew biss il-lingwa Franċiża u Ingliża.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Verein Deutsche Sprache eV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 371, 10.10.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta’ April 2018 – Vincenti vs EUIPO**

**(Kawża T-747/16)** (1)

***(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Opinjoni tal-Kumitat tal-Invalidità — Setgħa diskrezzjonali tal-Awtorità tal-Ħatra — Artikoli 53 u 78 tar-Regolamenti tal-Persunal — Żball ta’ evalwazzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni”)***

(2018/C 200/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Guillaume Vincenti (Alicanta, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Lukošiūtė, aġent)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EUIPO tat-18 ta’ Diċembru 2015 li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-inkapaċità permanenti totali tar-rikorrent u li tirrifjuta li tiddikjara l-irtirar tiegħu.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Guillaume Vincenti huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 14, 16.1.2017.